**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 11 ta' Gunju, 2025**

**Rikors Numru: 32/2023 MLF**

**Michael Debono Limited**

**vs**

**Rebecca Margaret Alison Micallef**
**Colin James Bellingham**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors tas-socjeta attrici Michael Debono Limited fejn talbet sabiex il-konvenuti ikunu ikkundannati li ihallsuha s-somma ta' tnax-il elf tminn mija sitta u erbghin Euro u erbgha u disghin centezmu (€12,846.94) b'referenza ghall-bejgh tal-vettura ossia Toyota Aygo u Panel-Van kkonsenjata lilhom skond PCP Personal Contract datat 25 ta' Jannar 2020 u Hire Purchase Agreement tad-29 ta' Mejju 2019, li kopji taghhom gew annessi mar-rikors promotur u mmarkati "Dokument A" u "Dokument B" rispettivament, oltre l-imghax legali, rapprezentanti in kwantu f'bilanc ta' kapital u interessi li sar immedjatament dovut fl-intier tieghu, u dan skont id-dokument hawn anness u mmarkat bhala "Dokument C" u dana kif kienu interpellati jhallsu skont l-ittra ufficjali mibghuta lilhom ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta datata fit-28 ta' Settembru 2022 annessa mar-rikors promotur u mmarkata bhala "Dokument D".

   Illi minkejja li huma gew interpellati ripetutament biex ihallsu l-imsemmi ammont huma baqghu inadempjenti u ma hallasux. Ghalhekk kellha ssir din l-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali sad-data tal-effetiv pagament kontra l-konvenuti.

2. Rat li l-konvenuti debitament notifikati naqsu li jipprezentaw risposta, u naqsu wkoll li jidhru fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2025.

3. Rat li fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2025 gie pprezentat kapitolu ghas-subizzjoni tal-konvenuti.

4. Rat li fis-seduta tal-lum il-konvenuti imsejhin tlett darbiet regghu naqsu li jidhru, u ghalhekk il-kapitolu tas-socjeta attrici ghandu jitqies bhala mistqarr.

5. Semghet ix-xhieda ta' l-avukat Petra Grima, rapprezentant legali tas-socjeta attrici, fis-seduta tal-lum fejn ikkonfermat li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici ghadu dovut fl-intier tieghu, stante li ma sar l-ebda pagament mill-konvenuti mid-data li fiha gie prezentat l-avviz promotur ta' dawn il-proceduri.

6. Rat li s-seduta tal-lum kienet intiza ghall-provi kollha tal-partijiet, izda l-konvenuti la dehru u lanqas ipprezentaw provi, u ghalhekk il-Qorti iddikjarat l-istadju tal-provi taghhom maghluq.

7. Rat l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u d-dokumenti prezentati.

8. Mill-provi prodotti, il-Qorti tqis li t-talba tas-socjeta attriċi giet debitament ippruvata skond il-ligi.

**Konkluzjoni**

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

   1. Tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta attriċi s-somma ta' tnax-il elf, tminn mija sitta u erbghin Euro u erbgha u disghin ċenteżmu (€12,846.94), bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-

hlas effettiv.

2. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri, ghandhom jigu subiti mill-konvenuti.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**